Skiet kbir. Jinfetaħ il-Missal. Jinxtegħlu x-xema'. Mittwieqi tal-koppla jidħol farfett. Ried jara x'qed jiġri. Jiftaħ u jagħlaq ġwienħajh bellusija. Jersaq lejn is-Salib. Minn hemm itir għal fuq il-gandlieri. Iħares u jerġa' jħares. Sabiħ ilsien innar jitlieqħeb mal-fewġa ħelwa ta' fil-għodu. Min jista' jidħol fil-moħħ ta' farfett? Jiġġennen għal dik is-sbuħija tan-nar. Idur idur miegħu sakemm jaħraq ġwienħajh u jaqa' għaxi mejjet fl-art. Il-qassis ħabib tas-sewwa u ta' kull ma hu sabiħ jarah.

Issa kien wasal ħdejja. Jaqbad plattin b'idejh ix-xellugija u b'subgħajh il-kbir u bil-werrej tal-leminija jaqbad nitfa irmied, jitbaxxa ftit u jraxxax l-irmied fuq rasi waqt li jgħid: "*memento homo quia pulvis es et in pulverem*..." u jibqa' jraxxax sakemm wasal fuq ras it-tfajjel.

Fil-għodu tas-sitta ta' Marzu fis-sebgħa. Minn x'ħin inħarqu l-ġwienaħ tal-farfett sakemm niżel l-irmied fuq rasi għaddew ftit minuti. U f'dak il-ftit ħin jien sirt filosfu. Ħaġa bilkemm titwemmen u iebsa ħafna biex temmen kif ġie ġie. Biex ngħid is-sewwa jien dejjem qist lill-filosfi bħala nies għalihom iktar boloh milli f'sensihom. Jew aktar morda b'moħħhom milli f'saħħithom. Meta kont għadni nitgħallem, kull darba li kien ikollna t-tagħlim tal-filosofija, kont niddejjaq. Waqt li min kien jgħallem kien ibati u jħabbel moħħu biex jibqa' jidħol minn irqaqat għall-oħra, jien kont inkun inħares lejn l-arloġġ jew inħażżeż xi wiċċ imqit ta' xi ħadd minn sħabi.

U kellha tkun dik in-nitfa irmied fis-sebgħa ta' fil-għodu biex nerġa' niftakar fil-filosofija. Kemm-il darba rajt irmied b'għajnejja f'dawn l-ħamsin sena tiegħi. Irmied ta' karti maħruqa, irmied tas-sigaretti, irmied fi-kċina, irmied fiċ-ċumnija... Għaliex nitfa irmied fis-sitta ta' Marzu li għadda kellha taqlibli moħħi? Mhux irmied bħall-ieħor? Ma nafx inwieġeb. Min jista' jidħol fil-moħħ ta' farfett? U min ħlief Alla jista' jidħol fil-moħħ tal-bniedem?

Kemm hi ħaġa sabiħa ssir filosfu. Ma hemmx għalfejn titwerreċ taqra kotba jew titqalleb, tikteb iljieli u jiem sħaħ. Min ma jafx jaqra kelma waħda u min ma jafx jikteb anqas ismu jista' jsir filosfu. Min ma daħal qatt f'Università imma għadda ħajtu kollha f'għorfa jista' jsir ukoll. Biżżejjed nitfa irmied biex issir filosfu. Imma jrid ikun irmied li jinżel mis-Sema u jfakkrek fl-irmied ta' l-art. Ifakkrek li kollox irmied. Il-ġisem tiegħu huwa rmied... Mhux jien biss u x-xiħ u tfajjel imma kulħadd. Min qabel u min wara. Min qiegħed fuq nett u min qiegħed isfel nett. Min ma għandux ħabba fil-but u min għandu l-eluf fil-Bank. Min iterter bil-bard u min imleffef fis-suf. Min għadu kemm jibda l-ħajja u min qiegħed inin.

Hekk dak in-nhar tas-sitta ta' Marzu fis-sebgħa ta' fil-għodu jien ħraqt il-ħmerijiet kollha tiegħi li kienu jżommuni 'l fuq mill-oħrajn bħalma dak in-nhar inħarqu l-ġwienaħ tal-farfett. U sirt filosfu jekk mhux nofs teologu wkoll.



---

## LIL MISSIERI B'QIMA

(F'għeluq il-Għaxar Sena minn mewtu)

*Ta'* MARIO AGIUS

Bħal-lum filgħodu
Għaxar snin ilu
Fis-skiet ta' darna
Għalkemm batejt:
Qabel ma żernaq
Mitluf għal kollox
F'did-dinja lilna
Bla ridt ħallejt!

Qatt, qatt, ma ninsa
Kif jien u ħija
Tħassibna meta
Għalaqt għajnejk:
Kif nifsek naqas
U ntlaqt għal kollox
Kif bqajna mnikkta
Inħarsu lejk!

Wisq aktar issa...
It-telfa tiegħek
Naf x'iġifieri:
Ilqa' f'din 'l-għodwa
It-talb ma' bewsa
Maħbub missieri!